MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Jannar, 2012

Numru 150/2001

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

vs

Gordon Debono

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 234574(m), akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fis-sena 1999, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:
a. b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel

titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ Lm782.50 liema ammont hu iktar minn Lm500, billi ppresenta cekk ta’ Mid Med Bank (HSBC) lil Colour Chart ghall-ammont ta’ LM82.50 u cekk iehor lil Kamakura ghall-ammont ta’ Lm700 ghad-detriment tal-istess Colour Chart Co.Limited, Kamakura u persuni ohra – dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309, 310(l) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. ghamel qligh iehor ta’ Lm1,100 b’qerq bi hsara ghal Moyra Sammut u persuni ohra – bi ksur ta’ l-Artikolu 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali u semghet lill-imputat jiddikjara li ma kienx qed joggezjona li l-kawza tinstema’ sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Fl-udjenza tat-13 ta’ Ottubru tas-sena l-ohra l-partijiet kienu iddikjaraw li kienu qed jaqblu li l-kawza tigi limitata ghall-eccezzjoni dwar il-prekrizzjoni solevata mid-difiza ai termini tal-Artikolu 688 tal-Kap 9 partikolarment is-subinciz (e).

Illi bl-Artikolu 694 tac-citat Kap il-preskrizzjoni hi applikabbli mandatorjament anke f’kaz li ma tigix eccepita. Mhux hekk biss izda li imputat ma jistax jirrinunzja ghaliha. Dan hu principju sakrosant ‘in kriminalibus’.

Fil-kawza in disamina din tal-preskrizzjoni giet eccepita, anka jekk f’stadju inoltrat tal-kawza, b’dan li l-Qorti kienet tal-fehma li kellha tissospendi s-smigh u tghaddi biex tikkonsidra minnufih din il-prejudizjali.

Fil-kuntest taghha u ghab-bazi tal-imputazzjonijiet migjuba ghandu jkun wisq car li l-preskrizzjoni hi sostenibbli skond l-Artikolu 688(d) tac-citat Kap, cjoe, bl-gheluq ta’ hames snin dekorribbli, fil-kaz ‘de quo’ mill-jum tal-konsumazzjoni tar-reat trattandosi ta’ reat istantanju u mhux kontinwat. L-Artikolu 692 li jiddisponi li l-preskrizzjoni ma tibdix timxi meta l-hati mhux maghruf hi palesement inapplikabbli ghal dan il-kaz, aktar u aktar meta l-imputat fl-ebda zmien tad-dekorriment tal-preskrizzjoni ma kien mahrub.

Il-massimu tal-piena fl-imputazzjonijiet dedotti huwa ta’ sentejn u sitt xhur prigunerija rispettivament b’daqstant li fl-aghar ipotesi l-preskrizzjoni hija dik ta’ hames snin – Artikolu 688(d) tal-KaP 9.

Mill-atti processwali hu wisq palez li l-azzjoni tinsab preskritta u dan stante li c-citazzjoni nharget kontra l-imputat fl-20 ta’ Frar 2001 u gie notifikat biha biss fis-16 ta’ Gunju 2008 – aktar minn hames snin mill-kummissjoni tal-allegat reat.

Ghaldaqstant, tiddikjara l-azzjoni estinta bi preskrizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------